

Katalgu tal- Publikazzjonijiet Ġudizzjarji tal-EUAA

Materjal ta' referenza għall-membri
tal-qrati u tat-tribunali





Il-manuskritt tlesta f'Marzu 2025

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u lanqas kwalunkwe persuna li tagħixxi f'isem l-EUAA mhija responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025

Print	ISBN 978-92-9410-824-1	doi:10.2847/1012538	BZ-01-24-012-MT-C
PDF	ISBN 978-92-9410-823-4	doi:10.2847/0890828	BZ-01-24-012-MT-N

© Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), 2025

Immaġni tal-paġna tal-qoxra, seb_ra © iStock 2023

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jiġi rikonoxxut is-sors.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-EUAA, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Katalgu tal- Pubblikazzjonijiet Ġudizzjarji tal-EUAA

**Materjal ta' referenza għall-membri tal-qradi
u tat-tribunali**

2025

WERREJ

Daħla

SUĠĠETTI EWLENIN

Il-Kwalifika għall-protezzjoni internazzjonali
(Direttiva 2011/95/UE)–it-tieni edizzjoni

Evidence and credibility assessment in the context of
the Common European Asylum System (Il-valutazzjoni
tal-evidenza u tal-kredibbiltà fil-kuntest tas-Sistema
Ewropea Komuni tal-Ażil)–it-tieni edizzjoni

Il-proċeduri tal-ażil u l-prinċipju ta' *non-refoulement*

SUĠĠETTI ORIZZONTALI

Introduzzjoni għas-Sistema Ewropea Komuni
tal-Ażil għall-qراطي u t-tribunali

Gwida Prattika għudizzjarja fir-rigward ta'
informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini

Vulnerabbiltà fil-kuntest ta' applikazzjonijiet
għal protezzjoni internazzjonali

SUĠĠETTI TA' ESPERTI

Esklużjoni: L-Artikoli 12 u 17 tad-Direttiva dwar il-
Kwalifika (2011/95/UE)–it-tieni edizzjoni

It-tmiem tal-protezzjoni internazzjonali – it-tieni edizzjoni

Id-detenzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali
fil-kuntest tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil

L-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (id-
Direttiva 2013/33/UE dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza)

6

9

12

GĦODOD KOMPLEMENTARI

Għodod prattiċi u gwidi għall-prattikanti fil-qasam tal-ażil

L-Għodda għall-Identifikazzjoni ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali (IPSN)

L-għodda għall-Valutazzjoni tal-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza (ARC)

Għodda ta' valutazzjoni għall-bżonnijiet speċjali u għall-vulnerabbiltà

Il-Bażi tad-*data* tal-Ġurisprudenza tal-EUAA

Gwida dwar il-Pajjiż

Informazzjoni dwar il-Pajjiż tal-Orġini (COI)

Kuntatti

DAĦLA

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA, li qabel kienet l-EASO) ⁽¹⁾ tappoġġa lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u lill-pajjiżi assoċjati (in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Iżlanda), f'konformità mal-mandat tagħha ⁽²⁾, fit-titjib kontinwu tal-kwalità, il-ġustizzja u l-effiċjenza tal-proċeduri tal-ażil u tas-sistemi ta' akkoljenza tagħhom. Bl-għan aħħari li tinkiseb konverġenza fl-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA), inkluż il-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, l-EUAA tiżviluppa serje ta' pubblikazzjonijiet u għodod biex tgħin fiż-żieda tal-għarfien u l-ħiliet tekniċi ta' Prattikanti tal-ażil li jaħdmu fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali.

F'dan il-qafas, l-EUAA tappoġġa l-iżvilupp ta' sensiela ta' pubblikazzjonijiet ġudizzjarji, li huma mfassla speċifikament biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-membri tal-qrati u tat-tribunali li jiddeċiedu dwar każijiet ta' protezzjoni internazzjonali fil-pajjiżi tal-UE+. Dawn il-materjali ta' referenza jipprovdu ħarsa ġenerali sħiħa tal-acquis dwar l-ażil. Sabiex tiġi żgurata l-integrità tal-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja, il-pubblikazzjonijiet ġudizzjarji tal-EUAA jiġu żviluppati u mwassla taħt is-superviżjoni ta' tim editorjali magħmul minn imħallfin u membri tat-tribunal li jservu jew li reċentement irtiraw b'esperjenza u għarfien espert estensivi fil-qasam tad-dritt dwar il-protezzjoni internazzjonali.

L-EUAA żviluppat il-materjali ta' referenza ġudizzjarja ddedikati tagħha f'kooperazzjoni mill-qrib man-*Network tal-Qrati u t-Tribunali tal-EUAA*. Dan tal-aħħar jinkludi rappreżentanti mill-Istati Membri u pajjiżi assoċjati (in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Iżlanda), kif ukoll istituzzjonijiet Ewropej ewlenin tat-taħriġ ġudizzjarju, assoċjazzjonijiet ġudizzjarji, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) u atturi rilevanti oħra.

Il-Pubblikazzjonijiet Ġudizzjarji tal-EUAA jinsabu fil-qalba tat-tfassil tal-Workshops Ġudizzjarji tal-EUAA u attivitajiet ġudizzjarji oħra organizzati mill-EUAA u mfassla apposta għall-membri tal-qrati u tat-tribunali mill-UE u lil hinn minnha. Għal ħarsa ġenerali lejn il-Workshops Ġudizzjarji tal-EUAA, ikkonsulta l-[katalogu ddedikat](#).

¹ Fid-19 ta' Jannar 2022, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO) sar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA). Ir-referenzi kollha għall-EASO, il-prodotti u l-korpi tal-EASO għandhom jinftiehem bħala referenzi għall-EUAA.

² Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010.

Kull Pubblikazzjoni Ġudizzjarja tal-EUAA teżamina wieħed mis-suġġetti fil-bażi tas-SEKA, u tinkludi:

- **analizzijiet ġudizzjarji** jew **gwidi prattiċi ġudizzjarji**, li fihom analiżi tad-dispożizzjonijiet legali tas-SEKA li jidhru permezz tal-prattika u l-ġurisprudenza taż-żewġ qrati Ewropej ewlenin u l-qrati nazzjonali tal-pajjiżi tal-UE+;
- **in-noti ta' gwida tal-ħarrieġa ġudizzjarji**, maħsuba sabiex jassistu lill-ħarrieġa ġudizzjarji fit-tfassil u fl-ġhoti ta' taħriġ dwar kwalunkwe kwistjoni legali u proċedurali koperta mis-SEKA, filwaqt li jagħmlu użu konsistenti u koerenti mill-analiżi ġudizzjarja rilevanti. Dawn jiġu żviluppati bl-appoġġ ta' esperti ġudizzjarji ta' esperjenza u jipprovdu informazzjoni dwar tekniki u metodoloġija ta' taħriġ. Dawn jinkludu wkoll studji tal-każijiet u eżerċizzji ssuġġeriti dwar suġġetti differenti tas-SEKA, ikkomplementati b'noti ta' diskussjoni għal finijiet didattiċi.

Sabiex jibqgħu rilevanti għall-membri tal-qrati u tat-tribunali madwar l-UE+, il-Pubblikazzjonijiet Ġudizzjarji tal-EUAA huma suġġetti għal aġġornament regolari.

L-analizzijiet ġudizzjarji tal-EUAA u l-gwidi prattiċi ġudizzjarji huma disponibbli għall-pubbliku. Għalkemm oriġinarjament żviluppati bl-Ingliż, dawn ġew tradotti f'aktar minn 11-il lingwa. Huma disponibbli biex jitniżżlu fuq is-[sit web tal-EUAA](#), fejn tista' tintgħażel il-verżjoni lingwistika ppreferuta ⁽³⁾. Huma disponibbli wkoll f'kopji stampati fuq talba, li għandhom jintbagħtu permezz ta' email lil judicialsupport@euaa.europa.eu.

L-aċċess għan-noti ta' gwida tal-ħarrieġa ġudizzjarji tal-EUAA huwa limitat għall-ħarrieġa ġudizzjarji, li jistgħu jitolbuhom permezz ta' email lil judicialsupport@euaa.europa.eu, filwaqt li jispeċifikaw l-użu didattiku ppjanat tagħhom. In-noti ta' gwida tal-ħarrieġa ġudizzjarji huma disponibbli biss bl-Ingliż, f'kopja diġitali jew stampata.


Dan il-katalgu jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-pubblikazzjonijiet ġudizzjarji eżistenti tal-EUAA, ikkategorizzati skont in-natura ċentrali, orizzontali jew esperta tas-suġġett li jkopru. Fi tmiem il-katalgu, issir referenza għall-għodod komplementari oriġinarjament imfassla u żviluppati mill-EUAA sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-awtoritajiet nazzjonali tal-ażil jew tal-akkoljenza. Madankollu, dawn jistgħu jkunu utli għall-ħidma tal-membri tal-qrati u tat-tribunali sa fejn ikunu tfasslu biex jindirizzaw kwistjonijiet orizzontali u biex jgħinu jrawmu konverġenza fil-prattiki tal-ażil fl-Istati Membri tal-UE kollha u fil-pajjiżi assoċjati (in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Iżlanda).

³ Meta tiftaħ pubblikazzjoni fil-brawżer, huwa possibbli li tiċċekkja l-lingwi disponibbli għal dik il-pubblikazzjoni speċifika billi tiklikkja fuq il-menu li jinżel fuq in-naħa tal-lemin.

SUĠĠETTI EWLENIN

Il-Kwalifika għall-protezzjoni internazzjonali (Direttiva 2011/95/UE)–it-tieni edizzjoni

Din l-analiżi ġudizzjarja hija primarjament maħsuba għall-użu minn membri tal-qrati u tat-tribunali tal-Istati Membri tal-UE li l-ħidma tagħhom tikkonċerna s-smiġħ ta' appelli jew it-twettiq ta' rieżamijiet ta' deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali. Din tindirizza l-kwalifika għall-istatus ta' rifuġjat u l-protezzjoni sussidjarja, skont id-direttiva dwar il-kwalifika (riformulazzjoni).



GRUPP FIL-MIRA

Membri tal-qrati u tat-tribunali

Din hija kkomplementata b'żewġ noti ta' gwida tal-ħarrieġa ġudizzjarji.

DATA TAL-PUBBLIKAZZJONI ISBN

01/2023

ISBN 978-92-9485-199-4

ITLOB KOPJA BLA ĦLAS


judicialsupport@euaa.europa.eu

FITTEX IL-VERŻJONIJET TAL-LINGWI DISPONIBBLI U NIŻŻEL IL-KOPJA TIEGĦEK

<https://euaa.europa.eu/publications/judicial-analysis-qualification-international-protection-second-edition>

Evidence and credibility assessment in the context of the Common European Asylum System (Il-valutazzjoni tal-evidenza u tal-kredibbiltà fil-kuntest tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil)—it-tieni edizzjoni

Din l-analiżi għidizzjarja tipprovdi farsa ġenerali lejn il-qafas legali u l-ġurisprudenza tal-UE li tappartjeni għall-valutazzjoni tal-evidenza u tal-kredibbiltà. Din tinkludi wkoll deskrizzjoni tal-fatturi multidixxiplinari li għandhom jtgħiesu fil-valutazzjoni tal-evidenza u tal-kredibbiltà f'każijiet relatati mal-ażil.



GRUPP FIL-MIRA

Membri tal-qradi u tat-tribunali

Din hija kkomplementata b'nota ta' gwida tal-ħarriġa għidizzjarji.

DATA TAL-PUBBLIKAZZJONI

02/2023

ISBN

ISBN 978-92-9400-743-8

ITLOB KOPJA BLA ĦLAS


judicialsupport@euaa.europa.eu

FITTEK IL-VERŻJONIJIET TAL-LINGWI DISPONIBBLI U NIŻŻEL IL-KOPJA TIEGĦEK

<https://euaa.europa.eu/publications/judicial-analysis-evidence-and-credibility-context-common-european-asylum-system>

Il-proċeduri tal-ażil u l-prinċipju ta' *non-refoulement*

Din l-analiżi ġudizzjarja tippreżenta d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-direttiva dwar il-proċeduri tal-ażil (riformulazzjoni), kif ukoll ir-regoli ta' interpretazzjoni tad-direttiva fid-dawl tal-qafas legali u l-ġurisprudenza rilevanti tal-UE. B'mod speċifiku, din tinkludi eżami tar-regoli li jirregolaw l-aċċess għall-proċeduri tal-ażil u l-appelli kontra d-deċiżjonijiet ta' trasferiment fil-qafas tad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni skont ir-Regolament ta' Dublin III. Barra minn hekk, hija tippreżenta l-qafas legali li jipprevedi l-prinċipju ta' *non-refoulement*, salvagwardji u garanziji proċedurali, inkluż id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju u d-dritt għal rimedju effettiv. Barra minn hekk, tiddekrivi l-kamp ta' applikazzjoni u r-rilevanza tad-direttiva dwar ir-ritorn (id-Direttiva 2008/115/KE) għall-proċeduri tal-ażil.



GRUPP FIL-MIRA

Membri tal-qradi u tat-tribunali

Din hija kkomplementata b'nota ta' gwida tal-ħarrieġa ġudizzjarji.

DATA TAL-PUBBLIKAZZJONI ISBN

2018

ISBN 978-92-9400-743-8

ITLOB KOPJA BLA ĦLAS

judicialsupport@euaa.europa.eu


FITTEK IL-VERŻJONIJET TAL-LINGWI DISPONIBBLI U NIŻŻEL IL-KOPJA TIEGĦEK

<https://euaa.europa.eu/publications/judicial-analysis-asylum-procedures-and-principle-non-refoulement>

SUĠĠETTI ORIZZONTALI

Introduzzjoni għas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil għall-qrati u t-tribunali

Din l-analiżi ġudizzjarja hija introduzzjoni għas-SEKA li tassisti l-qrati u t-tribunali fit-twettiq tar-rwol u r-responsabbiltajiet tagħhom fl-implimentazzjoni tagħha. Din l-analiżi ġudizzjarja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-bażi ġuridika tas-SEKA, inkluż sfond fil-qosor għall-istabbiliment tagħha u tal-istrumenti leġiżlattivi li jikkomponuha. Din tistabbilixxi wkoll l-approċċ korrett għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi tas-SEKA, fil-kuntest tal-qafas legali rilevanti tal-UE, inklużi l-modalitajiet biex isir riferiment lill-QĠUE għal deċiżjoni interpretattiva.



GRUPP FIL-MIRA

Membri tal-qrati u tat-tribunali

Din hija kkomplementata b'nota ta' gwida tal-ħarrieġa ġudizzjarji.

DATA TAL-PUBBLIKAZZJONI ISBN

08/2016

ISBN 978-92-9243-863-0

ITLOB KOPJA BLA ĦLAS

judicialsupport@euaa.europa.eu

FITTEK IL-VERŻJONIJIET TAL-LINGWI DISPONIBBLI U NIŻŻEL IL-KOPJA TIEGĦEK

<https://euaa.europa.eu/publications/judicial-analysis-introduction-common-european-asylum-system>

Gwida prattika ġudizzjarja fir-rigward ta' informazzjoni dwar il-pajjiż tal-orijini

Il-membri tal-qradi u tat-tribunali issa qed jaffaċċjaw ammont estensiv ta' informazzjoni. Il-gwida prattika ġudizzjarja tipprovdi introduzzjoni għall-użu ta' informazzjoni dwar il-pajjiż tal-orijini (COI) għall-aġġudikazzjoni ta' każijiet ta' protezzjoni internazzjonali. Din tipprovdi gwida biex jiġi żgurat li l-użu tas-COI fit-teħid tad-deċiżjonijiet jikkonforma mal-kriterji komuni għall-kwalifika għall-protezzjoni internazzjonali stabbiliti fid-direttiva dwar il-kwalifika (riformulazzjoni) u mar-rekwiżiti għall-ġustizzja u l-effettività pprovduti mid-Direttiva dwar il-proċeduri tal-ażil (APD (riformulazzjoni)).



GRUPP FIL-MIRA

Membri tal-qradi u tat-tribunali

DATA TAL-PUBBLIKAZZJONI ISBN

2018

ISBN 978-92-9494-748-2

ITLOB KOPIJA BLA ĦLAS

judicialsupport@euaa.europa.eu

FITTEK IL-VERŻJONIJET TAL-LINGWI DISPONIBBLI U NIŻŻEL IL-KOPIJA TIEGĦEK

<https://euaa.europa.eu/publications/judicial-practical-guide-country-origin-information>

Vulnerabbiltà fil-kuntest ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali

Din l-analiżi għudizzjarja għandha l-għan li tappoġġa lill-membri tal-qrati u tat-tribunali fl-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' ħtiġijiet proċedurali u ta' akkoljenza speċifiċi ta' applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali. Din tipprovdi definizzjoni tal-kunċett ta' vulnerabbiltà fil-kuntest tad-dritt dwar il-protezzjoni internazzjonali kif ukoll deskrizzjoni ta' kategoriji speċifiċi ta' persuni vulnerabbli. Barra minn hekk, din tinkludi ħarsa ġenerali lejn il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u l-garanziji proċedurali li l-applikanti vulnerabbli huma intitolati għalihom skont id-dritt tal-UE dwar il-protezzjoni internazzjonali, b'enfasi fuq ir-rwol tal-qrati u t-tribunali.



GRUPP FIL-MIRA

Membri tal-qrati u tat-tribunali

Din hija kkomplementata b'nota ta' gwida tal-ħarrieġa għudizzjarji.

DATA TAL-PUBBLIKAZZJONI ISBN

2021

ISBN 978-92-9476-638-0

ITLOB KOPJA BLA ĦLAS

judicialsupport@euaa.europa.eu

FITTEK IL-VERŻJONIJET TAL-LINGWI DISPONIBBLI U NIŻŻEL IL-KOPJA TIEGĦEK

<https://euaa.europa.eu/publications/judicial-analysis-vulnerability>

SUĠĠETTI TA' ESPERTI

Esklużjoni: L-Artikoli 12 u 17 tad-Direttiva dwar il-Kwalifika (2011/95/UE)–it-tieni edizzjoni

Din l-analiżi ġudizzjarja hija primarjament maħsuba biex tipprovdi gwida prattika lill-membri tal-qrati u tat-tribunali dwar kif għandhom jinterpretaw u japplikaw il-klawżoli għall-esklużjoni mill-istatus ta' rifuġjat, u l-klawżoli għall-esklużjoni mill-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, stabbiliti rispettivament fl-Artikolu 12 u fl-Artikolu 17 tad-direttiva dwar il-kwalifika (QD (riformulazzjoni)). Il-konsultazzjoni ta' din l-analiżi ġudizzjarja tista' tkun rilevanti wkoll meta jiġu indirizzati kawżi li jikkonċernaw ir-revoka ta', it-tmiem ta', jew ir-rifjut li jiġġedded l-istatus ta' rifuġjat jew l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja (l-Artikoli 14(3)(a) u 19(3)(a) QD (riformulazzjoni) rispettivament).



GRUPP FIL-MIRA

Membri tal-qrati u tat-tribunali

Din hiwa kkomplementata b'nota ta' gwida tal-ħarrieġa ġudizzjarji.

DATA TAL-PUBBLIKAZZJONI ISBN

2020

ISBN 978-92-9476-638-0

ITLOB KOPIJA BLA ĦLAS

judicialsupport@euaa.europa.eu

FITTEK IL-VERŻJONIJIET TAL-LINGWI DISPONIBBLI U NIŻŻEL IL-KOPIJA TIEGĤEK

<https://euaa.europa.eu/publications/judicial-analysis-exclusion-2nd-edition>

It-tmiem tal-protezzjoni internazzjonali – it-tieni edizzjoni

Din l-analiżi ġudizzjarja tippreżenta l-qafas legali u l-ġurisprudenza rilevanti li għandhom x'jaqsmu mat-tmiem tal-protezzjoni internazzjonali. Din tipprovdi gwida fir-rigward tat-tmiem tal-istatus ta' rifuġjat u l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja u tid-deskrivi kwistjonijiet proċedurali rilevanti li jappartjenu għall-oneru u l-istandard ta' evidenza applikabbli. Dan jinkludi ġabra ta' ġurisprudenza li tinkludi ġurisprudenza mill-QĠUE, kif ukoll dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti.



GRUPP FIL-MIRA

Membri tal-qrati u tat-tribunali

Din hiwa kkomplementata b'nota ta' gwida tal-ħarrieġa ġudizzjarji.

DATA TAL-PUBBLIKAZZJONI ISBN

2021

ISBN 978-92-9476-638-0

ITLOB KOPJA BLA ĦLAS

judicialsupport@euaa.europa.eu

FITTEK IL-VERŻJONIJET TAL-LINGWI DISPONIBBLI U NIŻŻEL IL-KOPJA TIEGĦEK

<https://euaa.europa.eu/publications/judicial-analysis-ending-international-protection-update>

Id-detenzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fil-kuntest tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil

L-analiżi għudizzjarja tistabbilixxi r-raġunijiet legali għall-użu tad-detenzjoni amministrattiva fi ħdan is-SEKA u l-forom varji ta' detenzjoni, kif ukoll l-alternattivi għad-detenzjoni, id-durata, il-kundizzjonijiet, il-faċilitajiet ta' detenzjoni għal persuni li jagħmlu parti minn gruppi vulnerabbli, u l-oneru tal-provi. L-analiżi hija kkomplementata minn appendiċi li jinkludu d-dispożizzjonijiet legali rilevanti u "ġerarkija tad-deċiżjonijiet".



GRUPP FIL-MIRA

Membri tal-qradi u tat-tribunali

Din hija kkomplementata b'nota ta' gwida tal-ħarrieġa għudizzjarji.

DATA TAL-PUBBLIKAZZJONI ISBN

2019

ISBN 978-92-9476-038-8

ITLOB KOPIJA BLA KLAS


judicialsupport@euaa.europa.eu

FITTEK IL-VERŻJONIJIET TAL-LINGWI DISPONIBBLI U NIŻŻEL IL-KOPIJA TIEGĦEK

<https://euaa.europa.eu/publications/judicial-analysis-detention-applicants-international-protection>

L-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (id-Direttiva 2013/33/UE dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza)

Din l-analiżi għudizzjarja tipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tad-direttiva dwar il-kundizzjonijiet tal-akkoljenza (RCD (riformulazzjoni)) fi ħdan il-qafas usa' tad-dritt dwar il-protezzjoni internazzjonali. Din tippreżenta r-regoli relatati mal-valutazzjoni ta' ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali għal applikanti vulnerabbli, l-elementi ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali u mhux materjali u deskrizzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mat-tnaqqis jew l-irtirar tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza. Barra minn hekk, tippreżenta approċċ komprensiv lejn l-analiżi tal-appelli kontra deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tad-dritt għall-akkoljenza kif ukoll eżami tal-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar is-suġġett tal-akkoljenza.



GRUPP FIL-MIRA

Membri tal-qrati u tat-tribunali

Din hija kkomplementata b'nota ta' gwida tal-ħarrieġa għudizzjarji.

DATA TAL-PUBBLIKAZZJONI ISBN

2020

ISBN 978-92-9476-497-3

ITLOB KOPJA BLA ĦLAS

judicialsupport@euaa.europa.eu

FITTEK IL-VERŻJONIJET TAL-LINGWI DISPONIBBLI U NIŻŻEL IL-KOPJA TIEGĤEK

<https://euaa.europa.eu/publications/judicial-analysis-reception>

GĦODOD KOMPLEMENTARI

Għodod prattiċi u gwidi għall-prattikanti fil-qasam tal-ażil

L-għodod u l-gwidi prattiċi tal-EUAA huma żviluppati abbażi tal-għarfien esperti u l-analiżi tal-Istati Membri miġbura u kondiviżi fil-qafas ta' networks tematiċi ddedikati dwar oqsma ewlenin tal-ażil. Dawn l-oqsma ewlenin jinkludu l-aċċess għall-proċedura tal-ażil, l-għoti ta' informazzjoni, il-proċedura ta' Dublin, l-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, l-akkoljenza u l-applikanti bi bżonnijiet speċjali. L-għodod huma l-eżitu ta' kooperazzjoni u skambju rigoruż fost l-esperti tal-Istati Membri permezz tan-networks jew matul il-proċess tal-Matriċi tal-Kwalità ⁽⁴⁾. Barra minn hekk, l-għodod huma abbozzati b'kontribut siewi mill-Kummissjoni Ewropea, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) u organizzazzjonijiet rilevanti oħra, li jiġu kkonsultati skont is-suġġett u n-natura tal-għodda.

L-għan tal-għodod huwa li jipprovdu appoġġ prattiku lill-awtoritajiet tal-Istati Membri bħall-awtoritajiet nazzjonali għall-ażil u l-migrazzjoni, lis-servizzi reġjonali jew lokali u lil kwalunkwe persunal f'kuntatt dirett mal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

L-għodod isarrfu l-obbligi legali, l-istandards u l-prattiki tajba fi gwida maqbula b'mod komuni f'diversi formati faċli għall-utent, inklużi listi ta' kontroll, kotba żgħar, kartelluni u għodod interattivi bbażati fuq il-web.

Ħarsa ġenerali sħiħa lejn l-għodod prattiċi u l-gwidi għall-prattikanti tal-ażil hija pprovduta fil-[Katalgu tal-gwidi u l-għodod prattiċi](#).

⁴ Il-proċess li permezz tiegħu l-EUAA għandha l-għan li timmappa b'mod komprensiv il-prattiki madwar il-pajjiżi tal-UE+ fl-implimentazzjoni ta' elementi tematiċi ewlenin tal-qafas legali komuni u li tidentifika eżempji ta' prattiki tajba u għodod, proġetti u inizzjattivi rilevanti li diġà jeżistu. Għal aktar informazzjoni, żur <https://www.euaa.europa.eu/asylum-knowledge/asylum-processes>.

Fost dawn l-għodod, ta' interess partikolari għall-membri tal-qradi u tat-tribunali huma:

L-Għodda għall-Identifikazzjoni ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali (IPSN)

L-Għodda tal-IPSN hija soluzzjoni interattiva online li tippermetti lill-utent jidentifika bżonnijiet speċjali potenzjali fil-kuntest tal-proċedura ta' ažił u tal-akkoljenza.

Din tappoġġa l-identifikazzjoni ta' 14-il kategorija differenti: il-minorenni akkumpanjati u l-minorenni mhux akkumpanjati, in-nies b'diżabilità, l-anzjani, in-nisa tqal, il-ġenituri waħidhom bi tfal minorenni, il-vittmi ta' traffikar tal-bnedmin, il-persuni b'mard serju, il-persuni b'mard mentali u l-persuni li jkunu ġew soġġetti għal tortura, għal stupru jew għal forom serji oħrajn ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali, persuni leżbjani, gay, bisesswali u intersesswali u persuni bi bżonnijiet speċjali relatati mal-ġeneru.

L-għodda tissuġġerixxi garanziji speċjali li jiffukaw fuq ħames aspetti:

- l-ewwel kuntatt – formulazzjoni tal-applikazzjoni;
- l-appoġġ għall-akkoljenza;
- il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni;
- intervista personali;
- it-tmiem tal-proċedura ta' ažił tal-ewwel istanza.

Abbażi tal-għażliet magħmula mill-utent, l-għodda tiġġenera rapport, li jista' jiġi individwalizzat aktar b'numru ta' referenza u b'noti rilevanti, qabel ma jiġi ssejvjat u/jew stampat.

L-għodda hija disponibbli fuq is-sit web tal-EUAA f'dan il-[link](#).

L-għodda għall-Valutazzjoni tal-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza (ARC)

Din l-għodda tal-IT tipprovdi soluzzjoni Prattika għall-pajjiżi tal-UE+ peress li tippermetti lill-awtoritajiet iwettqu awtovalutazzjonijiet tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza f'livell nazzjonali. Hija bbażata fuq l-istandards komuni ta' akkoljenza u l-indikaturi deskritti fiż-żewġ dokumenti ta' gwida tal-EUAA dwar l-akkoljenza ppubblikati fl-2016 (ġenerali) u fl-2018 (tfal mhux akkumpanjati).

Disponibbli kemm bħala app kif ukoll bħala software offline, l-għodda tippermetti lill-pajjiżi tal-UE+ jiġbru, jipproċessaw u jikkondividu d-*data* dwar il-prestazzjoni tal-faċilitajiet ta' akkoljenza.

Il-funzjonalitajiet tekniċi ewlenin tal-għodda jinkludu:

- il-valutazzjoni flimkien ma' kaxxa ta' verifika ta' kull indikatur rilevanti b'suġġerimenti u eżempji ta' gwida pprovduti;
- il-produzzjoni ta' rapport inkluż l-istatistika, il-graffs u l-kummenti dwar l-implimentazzjoni tal-istandards u l-indikaturi;
- ir-rikonnoxximent tal-vuċi (EN) għar-reġistrazzjoni faċli tal-kummenti matul valutazzjoni.

Kontenut addizzjonali huwa disponibbli wkoll:

- il-pariri operazzjonali għal indikaturi b'eżempji prattiċi dwar kif jiġi vvalutat indikatur partikolari;
- il-metodoloġija tal-valutazzjoni inkluż l-approċċ parteċipattiv u l-feedback tar-residenti (li għandu jiġi żviluppat mat-tlestija tal-għodda);
- il-format ta' rapportar kwalitattiv u kwantitattiv.

L-għodda hija disponibbli fuq is-sit web tal-EUAA f'dan il-[link](#).

Għodda ta' valutazzjoni għall-bżonnijiet speċjali u għall-vulnerabbiltà

Din l-għodda tappoġġa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet speċjali tal-applikanti u l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet f'waqthom fi ħdan il-proċess ta' akkoljenza u ažił. Din tipprovdi fehim komuni u gwida pass pass dwar kif għandhom jiġu vvalutati l-ħtiġijiet speċjali.

L-għodda toffri kwestjonarju magħmul bir-reqqa f'seba' taqsimiet tematiċi u gwida għall-analiżi tal-każ għal valutazzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta' każijiet individwali u deċiżjonijiet relatati.

L-għodda tista' tintuża jew fuq il-karta jew b'mod elettroniku u hija parti integrali mis-Sett ta' Għodod għall-Vulnerabbiltà li jinkludi s-Sett ta' Għodod għall-Identifikazzjoni ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali u s-sett ta' għodod ta' Riferiment.

L-għodda hija disponibbli fuq is-sit web tal-EUAA f'dan il-[link](#).

Il-Bażi tad-*data* tal-Ġurisprudenza tal-EUAA

Il-Bażi tad-*Data* tal-Ġurisprudenza tal-EUAA hija pjattaforma online disponibbli għall-pubbliku żviluppata bil-ħsieb li:

- tipprovdi sors uniku ta' informazzjoni f'waqtha u preċiża dwar il-ġurisprudenza l-ġdida dwar l-ażil maħruġa mill-qrati nazzjonali u internazzjonali (li tkopri kemm il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem);
- timmaniġġja u taħżen informazzjoni relatata mal-ġurisprudenza dwar l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA) fil-livell nazzjonali u Ewropew.

Il-Bażi tad-*Data* tal-Ġurisprudenza tal-EUAA hija punt komuni ta' referenza għall-informazzjoni Ewropea u nazzjonali kollha dwar l-ażil, filwaqt li tiżgura l-konsistenza fl-approċċ u fis-sors tad-*data*, u tipprovdi lill-kontroparti ġurisprudenzjali għas-[Sistema ta' Informazzjoni u Dokumentazzjoni](#) (IDS) u l-ġbir ta' *data* statistika skont is-[Sistema ta' twissija bikrija u ta' thejġija](#) (EPS).

Il-bażi tad-*data* hija disponibbli fuq is-sit web tal-EUAA f'dan [il-link](#).

Informazzjoni dwar il-Pajjiż tal-Oriġini (COI)

L-Infurmazzjoni dwar il-Pajjiż tal-Oriġini (COI) tal-EUAA tiġbor informazzjoni fattwali rilevanti u tfassal rapporti li jipprovdu informazzjoni preċiża, affidabbli u aġġornata dwar pajjiżi terzi sabiex tappoġġa lill-awtoritajiet tal-ażil u tal-migrazzjoni tal-UE+ biex jilħqu deċiżjonijiet ibbażati fuq il-fatti fil-proċeduri tal-ażil jew tinforma t-tfassil ta' politika. Ir-rapporti tas-COI tal-Aġenzija jaderixxu mal-Metodoloġija tar-Rapport tas-COI tal-EUAA u l-Gwida dwar il-Kitba u r-Referenzjar tal-EUAA, li jiżguraw prodotti tas-COI ta' kwalità għolja. L-Aġenzija timmaniġġja Networks Speċjalizzati tal-Pajjiżi tas-COI li jikkollaboraw biex jaqsmu l-għarfien u joħolqu sinerġiji mal-produttjoni nazzjonali tas-COI. Is-COI tkopri aspetti bħas-sitwazzjoni politika, legali u ta' sigurtà, kif ukoll il-kundizzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi.



Is-COI tiffaċilita u tappoġġja l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet iżda ma tiddettax id-deċiżjonijiet. Hija distinta mill-gwida dwar il-pajjiż u mill-valutazzjonijiet legali. Is-COI tikkostitwixxi evidenza fil-proċedura ta' protezzjoni internazzjonali u hija kruċjali biex issir valutazzjoni bbażata fuq il-fatti tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali.

Aktar informazzjoni dwar il-[Metodoloġija tar-Rapport dwar is-COI tal-EUAA](#) u l-Pubblikazzjonijiet tas-COI tista' tiġi kkonsultata fil-[Portal tas-COI tal-EUAA](#) jew fis-[sit web tal-EUAA](#).

KUNTATTI

Aktar informazzjoni dwar il-ħidma tal-EUAA b'appoġġ għall-membri tal-qradi u tat-tribunali tista' tinstab fuq is-sit web tal-EUAA: <https://euaa.europa.eu/asylum-knowledge/courts-and-tribunals>

Aktar informazzjoni dwar l-EUAA u l-attivitajiet tagħha



euaa.europa.eu



info@euaa.europa.eu

Segwina



facebook.com/EUAsylumAgency/



x.com/euasylumagency?lang=en



linkedin.com/company/euagencyasylum



youtube.com/c/EUAChannel/videos



instagram.com/euasylumagency/

[illegible]

KIF TIKKUNTATTJA LILL-UE

Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik online (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt).

Bit-telefown jew bil-miktub

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja lil dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696,
- permezz ta' din il-formola: european-union.europa.eu/contact-eu/write-us_mt.

KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE

Online

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa (european-union.europa.eu).

Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tara jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE minn op.europa.eu/mt/publications.

Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' taksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tad-dokumentazzjoni lokali tiegħek (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt).

Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1951 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex (eur-lex.europa.eu).

Data miftuħa tal-UE

Il-portal data.europa.eu jagħti aċċess għal settijiet tad-*data* miftuħa mill-istituzzjonijiet, il-korpi ul-aġenziji tal-UE. Dawn jistgħu jitniżżlu u jerġgħu jintużaw mingħajr ħlas, għal skopijiet kummerċjali u mhux kummerċjali. Il-portal jagħti aċċess ukoll għal għadd kbir ta' settijiet tad-*data* mill-pajjiżi Ewropej.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

